# MALTA MISSJUNARJA – Is-6 PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Malta Missjunarja (1942-1946): Fl-artiklu tiegħu 'Letteratura Missjunarja Maltija' (Sena XIII, April 1945, nru 4, p.50), DAX [psewdonimu: Sciant] jgħid li ħafna huma x-xogħlijiet sbieħ li nsibu ta' letteratura missjunarja: għanjiet, poeżiji, innijiet, artikli, taħditiet u novelli. Iżda l-aktar li nsibu huma dawk poetiċi kif naraw fl-antoloġiji ta' Dun Karm u Karmenu Vassallo. Skontu: "Il-poeżija missjunarju hija forsi l-aqwa mafkar missjunarju letterarju, flimkien m'oħrajn li jsebbħu 'Il-Għana' ta' Dun Karm." Isemmi wkoll in-'Nirien' ta' Vassallo li fih insibu "tliet poeżiji tassew sbieħ fuq il-missjoni". Hemm imbagħad ukoll l-'Annali tal-Propagazzjoni tal-Fidi' maħruġin mill-pinna u l-but tas-Sur Fons. Galea (1861-1940) li jiddeskrivih bħala 'missjunarju f'artu'. Mill-banda l-oħra, ir-rumanzi missjunarji 'tgħoddhom fuq is-swaba' tal-id il-waħda'; tneħħi 'Demm tal-Martri' (1941) tiegħu stess, DAX isemmi biss tnejn tas-Sur Fons.: 'L-Għarusa Ġappuniża' u 'Il-Martri ta' Nagażaki'. DAX jagħlaq l-artiklu tiegħu billi jgħid li: "Il-letteratura tgħin, tqajjem u żżomm fil-qalb u r-ruħ tal-qarrejja l-ispirtu tal-qari. Meta allura l-qari jkun fuq il-missjoni, l-arti tal-kitba ssir waħda missjunarja, biex min jintafa' jaqra letteratura missjunarja, tkun fl-istess ħin waħda fil-veru sens tal-kelma, u iktar ma tkun qawwija l-arti tal-kitba, iktar qawwi jkun l-ispirtu li jinsilet minnha." Fuq tema differenti, fl-istess rivista, p.58, insibu artiklu ieħor ta' 'Sciant': "In-Nazzjonaliżmu u l-Missjoni".

Minn Ottubru tal-1941 beda jidher f'kapitli fil-MM l-ewwel rumanz missjunarju 'Demm il-Martri' (1940) tiegħu taħt l-istess psewdonimu. Għalih din kienet l-ewwel biċċa xogħol ftit twila li qatt kiteb. Dwar dan ir-rumanz, fid-Djarju tal-Gwerra, is-Seba' Ktieb, il-Ġimgħa 11 ta' Frar 1944, p.9, l-awtur niżżel li kien għadu kif temm il-ktieb tiegħu billi kabbru fuq li kiteb u tebagħ fil-MM u li issa ġie b'69 tebqa ta' pitazz, u bi 17-il kap barra l-għeluq. Dun Ġwann Xiberras (1907-83), bħala t-tieni editur tar-rivista u wieħed mill-grupp ta' seminaristi li fl-1932 kienu ħadu ħsieb biex jibdew joħorġu MM, kien wiegħdu li se jistampah għalih, kif fil-fatt ġara (Djarju tal-Gwerra, il-11-il Sena, 29 ta' Jannar, 1947, p.4).

Li ġejja hija lista sħiħa (u li tkompli fil-ħarġa li jmiss) ta' kitbiet ta' 'Sciant' li dehru bejn l-1942-6 fil-MM: żewġ poeżiji – 'Fil-Għodu' (p.15), b'ħames strofi senarji u rima abċb, u 'Tifkira tal-Imgħoddi' (p.16), bi strofa waħdanija ta' sitt versi u rima abċbdd, kif ukoll 'Injuranza Hienja' jew 'Bla Ħjieni' (p.18), storja tradotta mill-ktieb 'The White Sisters' li turi dehra kurjuża tat-twemmin tal-Afrikani konvertiti, u n-novella 'Qalb Nobbli' (p.21) [Sena X, Frar 1942, nru 2]. Din in-novella kienet reġgħet dehret sena wara (Sena XI, Lul.-Aww., nri 7-8, f'pp.28-9); 'Maħfra',




Firma ta' Dun Anton Sciberras.

| Demm tal-Martri - Rumanz Missjunarju ta' 'Sciant' (DAX) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sena[1] | Xahar | Għadd | Paġna | Kap | Isem |
| 1941 | IX | Ott-Nov | 10-11 | 191-2 | I | Ġod-Dar ta' Mongul |
| | | Diċ | 12 | 215 | II | Ħidmiet l-Insara |
| 1942 | X | Jan | 1 | 11-2 | III | Flimkien ma' Libsa Sewda |
| | | | | | IV | Fuq iż-Żewġ Naħiet |
| | | Frar | 2 | 19-20 | V | Rwan u Ibnu Kay |
| | | Mar | 3 | 35 | VI | Ġewwa l-Masġar |
| | | Apr | 4 | 47-8 | VII | Fil-Għalqa tat-Taqtigħa |
| | | | | | VIII | Keran l-Ilsir |
| | | Mej | 5 | 57-8 | IX | Il-Bandu ta' Mongul |
| | | Ġun-Lul | 6-7 | 67-8 | X | Ġol-Masġar mal-Briganti |
| | | Aww-Sett | 8-9 | 82-4 | XI | Libsa Sewda |
| | | | | | XII | Il-Martirju ta' Kay |
| | | Ott | 10 | 89-91 | XIII | L-Aħħar Ward |
| Għeluq: Tmiem ir-Rumanz Missjunarju | | | | | | |

rakkont (Sena X, Mejju 1942, nru 5, pp.52 u 60); 'L-Ewwel Kelma' (Sena 10, Aww.-Sett. 1942, nri 8-9, p.76), poeżija b'ħames strofi kwinarji u rima abċb; 'Fil-Għaxija' (p.100), poeżija bi tliet strofi senarji u rima abċb, u 'Rebħa' (p.102), rakkont, datat 27.2.42 [Sena X, Nov.-Diċ. 1942, nri 11-12].

Fl-1943 insibu n-novella tiegħu 'Bukkett Ward' (Sena XI, Sett.-Ott., nri 9-10, p.35); 'Milied Imdemmem!' (Sena XI, Nov.-Diċ. 1943, nri 11-12, p.45) [Fid-Djarju tal-Gwerra[2] (Ktieb nru 6, p.56, fid-data tal-11 ta' Diċ.) DAX kiteb: "L-Uffiċċju Missjunarju tfajt in-novella 'Milied Imdemmem' li ktibt ilbieraħ". Fl-istess ġurnata nsibu mniżżel: "Qrajt lit-tfal[3] 'Barka ta' Missier', dramm ċkejken tiegħi, sunett ta' S. Luċija[4] u novella 'Il-Miġnun ta' S. Marija'.]; 'Lill-Papa Piju XII' (Sena XI, Nov.-Diċ. 1943, nri 11-12, p.47), sunett Petrarkan b'tifkira tal-ħames sena fil-gwerra (Piju XII, maħtur Papa f'Marzu tal-1939, xtaq is-sliem fid-dinja; f'Settembru tal-istess sena qamet il-gwerra.)■


Toninu Sciberras.

[1] Il-perjodiku mensili 'Malta Missjujarja' beda joħroġ f'Settembru 1932.

[2] Dwar id-Djarju tal-Gwerra ara ktieb ta' Paul Catania.

[3] Ix-Xirka tal-Malti għat-Tfal (Fergħa Naxxar), li kienet l-ewwel waħda wara dik tal-Gżira, twaqqfet fl-24 ta' Settembru 1943, b'Dun Anton Xiberras bħala l-fundatur. Sena wara li ġie ordnat qassis fl-1948 DAX intbagħat San Ġiljan biex iwettaq il-ħidma saċerdotali tiegħu u kellha tieqaf.

[4] Il-festa f'ġieħ din il-qaddisa għadha tiġi ċċelebrata sal-ġurnata tal-lum fil-kappella ddedikata lilha li tinsab fi triq li ġġib isimha.